Minuti tat-52 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju, 2016. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Shirley Ann Cecchini<br>Camilleri Anthony |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-50 u 51 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

1.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li jista' jkun li ghal-laqgha jattendu membri tal-Ghaqda 31 ta' Mejju minhabba li fl-agenda hemm punt dwar il-kmamar tan-nar godda.

**2.0 Xogholijiet fi Triq il-Madonna tal-Virtu'**

2.1 Is-Sindku spjega li fil-gurnata ta' qabel kellu laqgha ma' l-Enemalta fejn dawn infurmaw li mhux ser jaghmlu xogholijiet tat-trinka f'Triq Tal-Virtut minhabba li dan il-progett m'ghadux prijorita'.

5.08pm Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA**<br>David Apap Agius<br>Sindku | **IFFIRMATA**<br>Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |

2.2 Emanuel Muscat talab lis-Sindku ghal xi korrezzjoni fil-minuti. Is-Sindku infurmah li l-Minuti kienu gew approvati u jekk ghandu xi korrezzjoni ghandu iressaq mozzjoni ghal-laqgha li jmiss.

Tkompliet il-laqgha fuq il-punt precedenti.

2.3 Is-Sindku kompla jispjega li l-Enemalta qablet li jekk isiru x-xogholijiet wara, huma kienu ser jaghmlu *reinstatement* tal-wisa' kollha tat-triq. Emanuel Muscat staqsa jekk dan kienux ghamluh bil-miktub fejn is-Sindku wiegeb li din l-laqgha saret mac-Chairman l-Ing. Fredrick Azzopardi u l-Ing. Josephine Vella. Din in-nota ghandha tkun konfermata bil-miktub fil-jiem li gejjin. Is-Sindku kompla jghid li llum l-gurnata l-permessi tat-*trenching* u r-*reinstatement* jigu diterminati mill-Kunsill u dan kif johrog minn korrispondenza li ghandna minn *trenching department*.

2.2 Fir-rigward tax-xogholijiet tal-Water Services Corporation gie spjegat li dawn qeghdin jaraw jekk hux ser juzaw il-kuntrattur taghna biex jaghmlu x-xogholijiet taghhom jew inkella jaghmlu xoghol bil-kuntrattur taghhom.

2.3 Il-Kunsill gie infurmat li xogholijiet ta' tarmak fi Triq San Dimitri kienu spiccaw u minn ghada kienu ser jibdew inaddfu l-genb tat-triq il-haddiema tal-Kunsill sabiex issir il-*kerb* fuq iz-zewg gnub tat-triq.

2.4 Fir-rigward ta' Triq il-Madonna tal-Virtu' l-Kunsill ghad irid jara minhabba l-finanzjament tal-*culvert* li jiswa' madwar €18,000.00 f'pipijiet biss. Emanuel Muscat staqsa jekk il-*culvert* esistenti jistax jissewwa u jintuza. Is-Sindku qal li din hija possibilita' imma wiehed irid jara jekk jista' jitranga u jintuza'. Wiehed irid jesplora il-hsarat li fih.

5.20pm Wasal ghal-laqgha s-Sur Raymond Christian Xerri. Is-Sindku spjega li s-Sur Xerri kien talab sabiex jaghmel introduzzjoni u proposta dwar ktieb ghat-tfal tal-lokalita'. Is-Sindku stieden lis-Sur Xerri sabiex jaghmel l-introduzzjoni tal-ktieb.

Is-Sur Xerri irringrazzja lill-Kunsill ta' l-invit fejn huwa spjega li qed jahdem minn gewwa ufficju taht l-Edukzzjoni gewwa Ghawdex fejn wiehed mill-progetti huwa l-varar ta' ktieb fuq il-lokalita' li jaghti l-identita' lil-lokalita'.

Huwa kompla jispjega li dawn il-kotba qeghdin jigu progettati ghat-tfal ta' l-iskejjel primarji fejn permezz ta' dawn il-kotba t-tfal ikollhom aktar informazzjoni u taghrif dwar dak li jesisti fil-lokalita' taghhom.

Waqt il-laqgha huwa wera xi kotba li bhalissa qeghdin isiru f'irhula ohra fejn ikun hemm ktieb differenti ghal kull klassi. Il-Kunsill jista' jaghzel ukoll li jaghmel kotba ghal certu klassijiet biss u mhux ghal klassijiet kollha. Bhala xelta ta' x'ghandu jkun hemm fihom hija f'idejn il-Kunsill. Min-naha tieghu l-Kunsill jista' jissugerixxi persuni li huma intizi fl-istorja u artisti maghhom biex jithejja dawn il-kotba.

Gew issugeriti diversi persuni fosthom Matthew Theuma, Matthew Bajada bhala storja u Michael Bajada, Ruben Camilleri Cauchi, Victor Spiteri u Alvin Pace bhala artisti. Waqt id-diskussjoni Emanuel Muscat issugerixxa ukoll li l-kotba

jistghu jinkludu ukoll *areas.* Is-Sindku issugerixxa sabiex isir grupp ta' nies li jkunu jistghu jahdmu fuq dan il-progett flimkien mas-Sur Xerri. Is-Sindku staqsa bhala prezzijiet kif qeghdin bejn wiehed u iehor. Is-Sur Xerri spjega li minn kotba li diga saru A3 madwar 500 kopja tiswa €2000. Huwa kompla jispjega li bhala MTA ukoll ghandhom inventarju ta' postijiet ta' interess li qeghdin jaggornaw sabiex 'il quddiem ikunu jistghu jikkrejaw xi *app* ghal fuq il-mobile biex tintuza mit-turisti. Is-Sindku staqsa dwar min ser ikollu l-copyright tal-ktieb fejn huwa ta' l-opinjoni li din ghandha tibqa' tal-Kunsill. Is-Sur Xerri qal li huwa ma jsib ebda' diffikulta' li din tibqa' tal-Kunsill. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qal li ghal dan il-progett jista' jsiru studju sabiex il-Kunsill jidentifika jekk hemmx fondi Ewropej ghal dan il-progett u dwar possibilita' li dawn il-kotba jigu prezentati waqt l-attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn il-kotba ghandu jkun hemm target u l-prodott finali jkun prodott ta' kwalita'.

5.42pm Is-Sur Xerri rringrazzja lill-Kunsill u hareg mill-kamra.

**3.00 Permessi Godda Kmamar tan-Nar gewwa l-Gharb**

3.1 Kif kien maqbul fil-laqgha ta' qabel gie provdut kopja ta' l-istatut ta' l-Ghaqda 31 ta' Mejju liema kopja ghaddiet lill-Kunsilliera. Waqt il-qari ta' dan id-dokument johrog car li l-manifattura tan-nar mahdum mhux ser ikun esklussivament ghall-festa tal-Gharb imma ukoll kummercjali.

3.2 Kien innutat li l-Knisja tal-Gharb ghandha sehem partecipi f'din l-ghaqda u allura possibilment fl-applikazzjoni tal-Ghaqda 31 ta' Mejju.

3.3 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar il-materji diskussi fl-ahhar laqgha u qal li ma kienx possibli li jiltaqa' mal-Perit Coccopardo kif intqal fil-laqgha precedenti.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

3.4 Il-Kunsill iddiskuta l-kontenut ta' stqarrija pubblika li ser johrog il-Kunsill. Din ser tkun preparata u mghoddija ghall-istampa wara li jkunu saru l-verifiki u ittiehdu inkonsiderazzjoni l-fatturi kollha.

3.5 Il-Kunsill qabel unanimament li l-preokkupazzjoni hija li din iz-zona ser tkun mimlija fabbriki tal-manifattura u imhazen tan-nar li mhux bilfors ser ikun inhadem fl-istess fabbriki imma jkun gie minnbarra.

3.6 Isemma ukoll l-investiment li ghamel u li qed jaghmel il-Kunsill f'dawn l-ahhar snin fiz-zona ta' San Dimitri li ha jkun sar ta' xejn peress li z-zona ser tintilef l-ghan ghalfejn sar l-investiment u minn mixja naturali ser issir mixja f'zona ta' periklu kif jixhdu t-tabelli imwahla f'diversi toroq fiz-zona.

3.7 Il-periklu jezisti ghas-settur aggrikolu u ghar-residenti, partikolarment ghal dawn taz-zona ta' Birbuba / San Dimitri u l-parti t'isfel ta' Triq Trux, Wied il-Mielah u z-zona kollha.

3.8 Ser ikun hemm periklu waqt il-garr tal-materjal, waqt il-manifattura u l-hin kollu minhabba il-hazna kemm minn materjal mahdum fuq il-post kif ukoll minn prodotti mahduma u mahzuna fl-imhazen ta' dawn il-fabbriki.

3.9 Il-problema tal-garr ghandha tigi diskussa ma' l-ghola awtoritajiet fil-korp tal-pulizija bhal ma' gara fil-kaz tal-Qala.

3.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill l-ewwel u qabel kollox ghandu jishaq dwar is-sigurta' u li jkunu imharsa l-ligijiet kollha sabiex l-ewwel u qabel kollox ikun issalvagwardjat il-gid komuni ta' residenti, ohrajn li jzuruna ghal btala u fuq kollox ir-rahal u z-zoni pittoreski u naturali li jgawdi mill-fabriki ezistenti.

3.11 Il-Kunsill iddiskuta s-sostenibilita' ta' dawn il-fabriki u l-fondi miksuba mill-Ewropa.

3.12 Dwar il-pass 'il quddiem kienu diskussi diveri inizjattivi li ser jiehu l-Kunsill . Is-Sindku sahaq li kull inizjattiva li ghandha tittiehed ghandha tkun wahda libera u newtrawli ghaliex fl-ahar mill-ahhar il-poplu huwa sovran.

3.13 Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li fil-laqgha li jmiss ghandha tinqara l-istqarrija ghall-istampa u hekk kif approvata tintbghat.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

3.14 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara din il-laqgha l-*objectors* u residenti miz-zona ta' San Dimitri talbu laqgha mall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li talli laqgha ghada tinzamm separatament mil-laqgha tal-Kunsill.

**4.0 Shelter ta' zmien il-Gwerra fil-Pjazza Zjara tal-Madonna**

4.1 Is-Sindku spjega li kif diga gie spjegat, minn gewwa dan is-Shelter ghaddejin *cables* tad-dawl min-naha l-ohra ta' l-entratura. Kompla jispjega li kellu laqgha tac-Chairman ta' l-Enemalta u ma' l-Inginiera fejn dawn ikkonfermaw li ser inehhuhom u wara ser jaghmlu t-tarmak huma. Hekk kif il-Kunsill jircevi t-talba ser ikun hu li jiddeciedi l-porzjon tat-tarmak li jrid isir. Il-Kunsill diga ghandu l-kejlijiet u dettalji ohra ta' kif trid issir ir-*reinstatement* tat-trinka minghand it-*Trenching Department*. Dan ix-xoghol irid isir fix-xitwa u jrid isir malajr kemm jista' jkun peress li din hija triq principali.

4.2 Fir-rigward tal-lampi is-Sindku spjega li waqt l-istess laqgha li saret mac-Chairman ta' l-Enemalta gie spjegat li dawn ghandhom jinxtghelu kollha sa l-ahhar tal-gimgha.

4.3 Gie spjegat ukoll li l-Enemalta mhux ser taghmel x-xoghol ta' Triq il-Madonna tal-Virtu' fil-prezent kif diga isemma aktar 'il fuq.

**5.0 Skeda ta' Pagamenti**

5.1 Emanuel Muscat staqsa dwar il-kont tal-Perit fejn gie infurmat li dan kien tax-xoghol relatat ma' l-applikazzjonijiet tal-bus shelters. Is-Sindku spjega li fuq dan il-punt kien hemm talba ghal bus shelter ohra fi Triq il-Madonna tal-Virtu' pero' il-Kunsill innota li din kienet ser tkun ftit difficli ghax ma tantx hemm wisa'.

5.2 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**6.0 Korrispondenza u materji ohra**

6.1 Il-Vici Sindku qalet li l-isem ta' Triq il-Knisja tidher li ghadha pendenti. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ghadu jistenna risposta f'dan ir-rigward u li ghandha tasal fil-jiem li gejjin.

6.2 Anthony Camilleri staqsa dwar il-qtugh tal-haxix ta' Triq San Katald. Gie spjegat li fil-prezent il-qtugh tal-haxix kien qieghed isir fi Triq Trux u iktar 'il quddiem isir f'din it-triq ukoll.

6.3 Emanuel Muscat staqsa fi Triq Trux fejn Jacob Muscat kienx sar ix-xoghol fuq il-bankina. Gie spjegat li l-Perit kien qed jahdem fuq is-survey qabel isir ix-xoghol.

6.4 Minghand il-Gozo Action Group fejn il-Kunsill kien qed jigi mitlub sabiex jiffirma statut gdid li gie ippreparat ghall-Kunsilli Lokali Ghawdxin. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jigi ffirmat u dan ghandu jaghmlu s-Sindku.

6.5 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
Talba ghal aktar taghrif: PA6080/08 – Gharb Civic Centre.
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp: PA3045/16, PA3047/16, PA00782/16, PA00922/16, PA02694/16, PA02506/16, PA02801/16, PA02446/16, PA02553/16 u PA02441/16.
Decizjonijiet fuq Applikazzjonijiet ghal permessi: PC0014/14, PA01337/16, PA02094/15, PA00019/16 u PA03616/15.

6.6 Minghand il-Gozo Association for Deaf dwar fuljetti tal-Gozo Association for the Deaf.

6.7 Minghand Oasi Foundation fir-rigward ta' workshops dwar 'Addiction, 'Substance use & Associated Behaviour'.

6.8 Minghand l-Arcipriet fejn qed jitlob lill-Kunsill permess ghall-ativita' ta' loghob tat-tfal fit-23 ta' Lulju. Il-Kunsill ma sab ebda' oggezzjoni li jinhareg il-permess mehtieg.

6.9 Il-Vici Sindku staqsiet jekk sarux diskussjonijiet dwar it-transport pubbliku sad-Dwejra. Is-Sindku spjega li dan jista' jigi diskuss mat-Transport Pubbliku meta jkunu ser isiru l-bdil fir-rottot.

6.10 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill ghadhu kien gie infurmat li giet accettata l-applikazzjoni ghall-progett ta' 'youth exchange' fejn l-ammont totali jammonta ghal €63,000.00 li bhala partners hemm il-Kunsill ta' l-Gharb, Gerano u l-Portugal fejn b'kollox ser ikun hemm tlett skambji. Fuq dan il-punt il-Kunsill issugerixxa li jidhol fil-progett kemm tan-Network of Twinned Towns kif ukoll dak tal-youths is-Sur Mark Causon sabiex jassisti lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment. Is-Sindku ssugerixxa ukoll sabiex dawn il-partners jigu mistiedna ukoll mill-iktar fis sabiex naraw jekk ghadhom interessati li jippartecipaw. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

6.11 Emanuel Muscat staqsa dwar il-kumitat tal-komposizzjoni ta' l-Infiorata. Is-Sindku qal li l-kumitat ghadu jrid jigi ffurmat. Bhala parti mill-kumitat irid ikun hemm l-artist.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jitkellem ma' l-Arcipriet sabiex matul is-Summer club issir sezzjoni ta' informazzjoni dwar l-Infiorata. Wara waqt is-serata ta' Jum l-Gharb tkun tista' ssir infiorata zghira mit-tfal stess fejn hemm il-funtana. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

6.12 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-attivita' tar-rih ser tigi inawgurata fit-21 ta' Ottubru fejn ser jehel ukoll il-pinnur tar-rih. Ser ikun hemm gurnata shiha ta' attivitajiet u l-gurnata ser tkun il-Gimgha. Dan ser isir waqt il-festa ta' San Dimitri fejn normalment iz-zghazagh tal-Briju ikollhom barbeque u fiera l-Hadd. B'hekk il-gimghan tkun dedikata ghall-attivita' tar-rih. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din l-attivita' u ghandu jigi infurmat l-Arcipriet dwar dan.

6.13 Is-Sindku semma li hemm xi grupp ta' barranin li qeghdin jinzlu gewwa l-leisure park jixorbu l-inbid u xorb iehor kif ukoll sigaretti. Minn informazzjoni li ghandu l-Kunsill jidher li dawn jistghu ikunu xi barranin li jahdmu gewwa l-lukanda tal-Kempinski. Il-Kunsill qabel li ghandha tingibed l-attenzjoni tal-management tal-lukanda dwar dan .

6.14 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Malta Enterprise xtaqet torganizza wine festival gewwa Ta' Dbiegi fit-2 u 4 ta' Settembru. Huma qed jitolbu l-ghajnuna tal-Kunsill fil-preparamenti ta' dan il-festival. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti l-assistenza mehtiega.

6.15 Is-Sindku spjega li gie avvicinat minn residenti li ghadhom kemm xtraw post fi Triq Trux minhabba li trakkijiet kbar li jghaddu minn din iz-zona qeghdin jolqtu l-

faccata tad-dar taghhom u jikkangunaw hsara. Saret diskussjoni fejn is-Sindku issugerixxa li ghandha tigi ikkuntatjata l-Malta Transport f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

6.16 Il-Kunsill gie infurmat li l-attivita' li jmiss issir bhala parti min-Network tal-gemellaggi ser tkun fl-Italja bejn il-15 u 20 ta' Settembru, 2016.

## 7.0 Aggornament

7.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar 17 ta' Awissu, 2016.

7.2 Il-laqgha spiccat hin 7.20pm.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**

David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv